MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2013

Numru. 451/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Micallef)**

**Vs**

**Krzysztof Trochimczyk ta' 45 sena, iben Piotr u Henryka xebba Mieczkowska, imwieled Elk il-Polonja nhar is-7 ta' April 1967, residenti gewwa kamra numru 364, Paradise Bay Hotel, Cirkewwa w detentur tal-karta ta'l-identita' Polakka bin-numru ALG283187**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Krzysztof Trochimczyk li permezz taghha huwa gie akkuzat talli:

1. Nhar it-28 ta' April 21012, matul il-jum ghall-habta tas-siegha w nofs ta' wara nofs inhar, f'dawn il-Gzejjer u cioe' fix-Xatt ta' Qui-si-Sana, Tas-Sliema volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor,

mobbli jew immobbli, u cioe’ ikkaguna hsara fuq il-vettura tat-tip Renault Megane Scenic bin-numru ta’ registrazzjoni BBX 845, liema hsara ma tiskorriex l-elf mija u erbgha u sittin ewro u disa’ u sittin centezmu (€1164.69), izda li tiskorri l-mija w sittax-il ewro u seba’ w erbghin centezmu (€116.47), liema hsara saret ghad-detriment ta’ Dunstan Giorgio u/jew persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor u cioe’ llil Dunstan Giorgio biza’ li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta tieghu;

3. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel ingurji u/jew theddid fil-konfront ta’ Dunstan Giorgio;

4. U nakkuzah ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku permezz ta’ ghajjat u storbju;

5. U finalment nakkuzah talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghalkemm kien ipprovokat, ingurja b’mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet il-provi.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali tat-30 ta’ April 2012 sabiex il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja.

Semghet lill-parti leza Dunstan Giorgio jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fejn din hija rinunzjabbli.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi din il-kawza ghandha bhala sfond glieda li inqalghet minhabba kwistjoni ta’ parkegg f’post fejn hemm problema kbira biex sewwieq isib *parking place* u cioe’ fiz-zona

f’Tas-Sliema maghrufa bhala Qui-si-Sana. Jidher illi l-imputat flimkien ma’ martu u xi hbieb taghhom li kien ghal btala f’Malta, lemhu parkegg vicin il-pastizzerija li tinsab fit-triq li tiehu lejn Qui-si-Sana u filwaqt illi l-imputat u siehbu marru igibu il-vettura li kienet ipparkeggjata fil-parkegg ftit ‘il boghod, wasal bil-vettura tieghu l-parti leza Dunstan Giorgio. Huwa lemah dana il-parkegg, izda x’hin avvicinah sabiex jipparkeggja innota li kien hemm mart l-imputat, flimkien ma’koppja ohra li kienu bil-wieqfa f’dana il-parkegg. Huwa qalilhom biex jersqu, izda dawn irrifjutaw u infurmawh illi kienu qed izommu dana il-parkegg ghalihom. Giorgio avzahom illi ma setghux jaghmlu dana u insista maghhom li huwa kellu dritt jipparkeggja f’dana il-post gialdarba kien vojt. Fil-fatt meta induna illi dawn in-nies ma iccaqalqux huwa beda isuq u dahal fil-parkegg u dana ghalkemm kien hemm dawn in-nies bil-wieqfa taht il-bankina. B’konsegwenza ta’ dana huwa laqat bi sbrixx lil mart l-imputat bir-rota tal-vettura. F’dana il-mument wasal bil-vettura l-imputat mal-habib tieghu li kif induna bil-battibekk li kien ghaddej bejn Giorgio, martu u il-hbieb tieghu nizel biex jara x’kien qed jigri u jidher illi qam xi argument verbali bejniethom fejn l-Polakki bdew iheddu illi kienu ser jirrapurtaw il-kaz lill-pulizija. Billi l-imputat kien waqqaf il-vettura f’nofs ta’ triq jidher illi huwa ma setax jibqa’ jargumenta ma’ Giorgio u ghalhekk il-hames Polakki rikbu fil-vettura u telqu minn fuq il-post. Giorgio jidher illi dahal fir-restaurant Serafino li jinsab biswit dana il-parkegg u bieb ma’ bieb mal-pastizzerija u meta hareg xi ftit minuti wara huwa sab il-vettura tieghu migrufa. Giorgio beda jallega illi kien l-imputat li kien giriflu l-vettura ghaliex isostni illi minn gewwa ir-restaurant huwa seta josserva lill-imputat idur mal-vettura tieghu. Isostni ukoll illi waqt l-argument il-Pollakk u cioe’ l-imputat kien heddu li kien ser jigriflu l-vettura u ghalhekk meta ra il-grif huwa mal-ewwel issuspetta fih.

L-imputat minn naha tieghu jichad illi ghamel dina l-hsara. Ighid illi huwa rikeb fil-vettura ma’ shabu u telqu minn fuq il-post billi kien wieqaf fin-nofs tat-triq. Ighid illi Giorgio baqa’ josservhom sakemm telqu u kwindi kieku ghamel xi hsara fil-vettura, l-parti leza zgur li kien jarah. L-istess ighidu martu Martha Trochimcyzk, u shabhom Marek

Anfrzej Skrzeckowski, Anna Skrzeckowski u Krzystof Jan Skrzeczkowsky.

Illi ghalkemm il-pulizija fil-kors ta'l-investigazzjonijiet ippruvaw jelevaw footage tac-CCTV li hemm fir-restaurant "Serafino", madanakollu jidher illi dawn il-cameras ma gibbdux ix-xena ta' barra u kwindi ma setghu jitfghu l-ebda dawl fuq dana l-incident. Madanakollu l-Proosekuzzjoni tressaq bhala xhud, l-uniku xhud okulari u indipendenti u cioe' il-pastizzar Joseph Cassar. Cassar fix-xhieda tieghu ighid illi huwa osserva dina l-glieda li sehhet bejn Dunstan Giorgio u dawn in-nies ta' nazzjonalita Polakka. Ighid illi Giorgio ried jipparkeggja akkost ta' kollox u dahal bil-vettura tieghu f'dana il-parkegg ghalkemm kien hemm dawn in-nies bil-wieqfa taht il-bankina bil-konsegwenza illi spicca laqat lil Martha Trochimsky f'saqajha. Ighid illi ghalkemm kien hemm argument bejn l-imputat u Giorgio huwa ma setax jifhem id-diskors li kien qed jinghad. Jaf madanakollu illi l-Polakki tallbuh icempel lill-pulizija, izda huwa ma kienx jaf in-numru tal-ghassa tal-pulizija. Isostni illi ghalkemm dahal ftit minuti sabiex jiccekkja xi pizza li kienet qed issir fil-forn, madanakollu fl-ebda hin ma ra lill-imputat jew lil xi hadd minn shabu jigref il-vettura ta' Giorgio. Ighid illi Giorgio fil-fatt meta ipparkeggja dahal vicin hafna mal-vettura tieghu li kienet ipparkeggjata biswit.

Illi meta wiehed jizen il-provi li hemm fl-atti, jirrizulta b'mod inkonfutabbli illi ma hemmx l-icken prova li tindika illi kien l-imputat li giref il-vettura tal-parti leza. L-imputat u shabu jichdu illi f'xi hin huma messu mal-vettura ta' Giorgio. Joseph Cassar, il-passtizzar ighid illi fl-ebda hin ma jara lill-imputat jigref dina il-vettura. Il-footage tar-restaurant ma juriex l-incident isehh. Lanqas l-parti leza stess ma ighid illi ra lill-imputat qed jigref il-vettura, izda ighid biss illi ra lill-imputat idur mal-vettura tieghu. Dawn il-provi fjakki ma jistghu qatt iwasslu ghal sejbien ta' htija fil-konfront ta'l-imputat ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu u kwindi ser jigi illiberat minn dina l-akkuza.

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat ikkontemplat fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi

f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Parnis (per Prim'Inhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi il-*harassement* taht dina id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Qorti ta'l-Appell fis-sentenza taghha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imgieba" fit-test tal-ligi timplika "a course of conduct" u mhux xi incident wiehed izolat. Il-Qorti tistqarr:

… illi dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-***Protection from Harassment Act, 1997*** tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: ***"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."*** L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: ***"A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…"*** . Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi ragunu – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' **Blackstone's Criminal Practice, 2008** :

**"How separate the two occasions must remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might**

**mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"**

Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, *per di piu`*, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi."

Illi maghmula dina l-esposizzjoni legali ma hemmx dubbju illi dana ir-reat li jinsab akkuzat bih l-imputat fit-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu ma jistax jissussisti. Dana ma kienx xi *course of conduct* izda certament u minghajr l-icken dubbju kienet okkazzjoni unika. Huwa fatt mhux ikkontestat illi dina kienet l-ewwel darba illi l-imputat u Giorgio iltaqghu. Huma ma kellhomx konnoxxenza ta' xulxin u li kieku ma kienx ghal dawn il-proceduri penali probbabilment ma kenux ser jiltaqghu qatt iktar. Kwindi il-Qorti ser tillibera lill-imputat minn dina l-akkuza ukoll.

Illi finalment l-imputat jinsab akkuzat ukoll bl-akkuzi kontravvenzjonali tal-ingurja u theddid kif ukoll tal-ksur tal-

bon ordni u paci pubblika. Illi mill-atti jirrizulta illi l-parti leza irrinunjzat ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta'l-imputat u kwindi l-Qorti ma tistax hlief tiddikjra l-procediment ezawriet ghar-rigward tat-tielet u l-hames akkuzi.

Illi dwar l-akkuza tal-ksur tal-bon ordni u paci pubblika, jidher illi kien hemm argument bejn dawn in-nies u cioe' l-imputat flimkien ma' shabu u l-parti leza, madanakollu ma jirrizultax illi kien hemm xi ***breach of the peace*** kif trid il-ligi, tant illi anke Joseph Cassar baqa' ghaddej b'xogholu.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti, filwaqt li tiddikjara l-procediment ezawriet in konnessjoni mat-tielet u il-hames akkuzi migjuba fil-konfront ta'l-imputat, qed tilliberahmill-kumplamne tta'l-akkuzi l-ohra.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------